# Zoni marittimi protetti għandhom jiġu mħarsa

## Rilokazzjonijiet temporanji ta' fish farms jinħtieġu studji ambjentali

BirdLife Malta tikkundanna l-approvazzjoni mill-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) u mill-Awtorità tal-Ippjanar (PA) tar-rilokazzjoni tal-*fish farms* tat-tonn mill-inħawi 'l barra minn Kemmuna lejn zona ġdida 'l barra mill-Aħrax tal-Mellieħa mingħajr ma saret talba mill-awtoritajiet biex isiru l-istudji meħtieġa fosthom dak li huwa magħruf bħala l-Appropriate Assessment, li huwa mandatorju taħt id-Direttiva Ewropea dwar il-Ħabitats.

Filwaqt li BirdLife Malta tirrikonoxxi l-ħtieġa li l-gaġeġ tat-tonn jiġu mċaqilqa biex jonqos it-tniġġis tal-bajjiet – fenomenu li ilu żmien twil iħalli impatt fuq il-kwalità tal-ilma f'diversi bajjiet u ekosistemi marittimi – fil-każ tal-applikazzjoni approvata nhar il-Ħamis ma ġewx osservati l-prerekwiżiti rikjesti f'ċirkostanzi fejn żvilupp bħal dan jitpoġġa f'siti marittimi Natura 2000. Mhux talli hekk, imma talli l-approvazzjoni saħansitra ssanzjonat żieda fin-numru ta' gaġeġ tal-ħut (minn erbgħa għal sitta) fuq dak li kien permess inizjalment f'Kemmuna.

L-applikazzjoni konċernata hi marbuta mar-rikolazzjoni temporanja ta' gaġeġ tat-tonn mill-parti tan-Nofsinhar tal-fliegu ta' Kemmuna lejn sit li jinsab bejn wieħed u ieħor 6km 'il barra mill-kosta qrib is-Sikka l-Bajda. Dan sakemm titwaqqaf zona tal-akkwakultura għat-Tramuntana mid-Dipartiment tas-Sajd.

Il-post magħżul jinsab f'żewġ siti stabbiliti bħala siti marittimi Natura 2000 li jikkwalifikaw sew bħala Zona marittima ta' Protezzjoni Speċjali (marine Special Protection Area, SPA) għall-għasafar tal-baħar taħt id-Direttiva Ewropea dwar l-Għasafar, kif ukoll bħala Zona Speċjali ta' Konservazzjoni marittima (marine Special Area of Conservation, SAC) taħt id-Direttiva dwar il-Ħabitats.

Artiklu 6 (4) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats jgħid li siti klassifikati bħala Natura 2000 jinħtieġu miżuri speċifiċi ta' konservazzjoni, u pjani u proġetti li ma jikkontribwixxux biex jintlaħqu l-miri ta' konservazzjoni għas-sit inkwistjoni għandhom jiġu soġġetti għal Appropriate Assessment biex jiġu analizzati l-implikazzjonijiet fuq is-sit konċernat. Pjani bħal dawn jistgħu jiġu approvati biss wara li jkun żgurat li dawn mhux se jkollhom effett negattiv fuq is-sit konċernat, u jekk ikun meħtieġ, wara li tkun inkisbet l-opinjoni tal-pubbliku inġenerali.

Fl-approvazzjoni ta' din l-applikazzjoni, l-ERA u l-PA ma segwewx din id-direttiva meta ma talbu li jsir l-ebda studju dwar l-impatt tal-iżvilupp propost. Fil-fatt,

skont l-ERA, il-proposta ma kinitx tikkwalifika għall-ħtieġa li jsir Studju dwar l-Impatt Ambjentali jew Appropriate Assessment, u dan għaliex ir-rilokazzjoni hija biss soluzzjoni temporanja għas-sentejn li ġejjin.

Filwaqt li perjodu ta' sentejn jista' jkun biżżejjed biex il-gaġeġ tat-tonn proposti jkollhom impatt fuq iz-zona, il-proposta tqajjem ukoll numru ta' preokkupazzjonijiet oħra li huma elenkati hawn taħt:

(i) L-inħawi jinsabu f'dik li hija magħrufa bħala r-'rafting zone' tal-Garni (Yelkouan Shearwaters) hekk kif fl-irdumijiet tal-Irdum tal-Madonna hemm l-akbar kolonja ta' dan l-għasfur tal-baħar (stmata li tammonta għal 3% tal-popolazzjoni dinjija tal-Garnija). Din hija waħda mir-raġunijiet għalfejn dawn l-inħawi ġew stabbiliti bħala Zona marittima ta' Protezzjoni Speċjali magħrufa bħala 'Il-Baħar tal-Grigal'. Mhux magħruf jekk l-attività ta' *fish farming* hux se jkollha impatt jew le, għax ma saru l-ebda studji dwar l-impatt li jista' jkun hemm fuq iz-zona

(ii) Qiegħ il-baħar fejn qed ikunu proposti l-gaġeġ tat-tonn huwa wkoll protett minħabba l-ħabitat partikolari tiegħu magħruf bħala *maerl*. Minħabba f'dan jifforma parti minn dik li hija magħrufa bħala z-Zona Speċjali ta' Konservazzjoni marittima 'Il-Baħar fil-Grigal ta' Malta'. Tul is-smigħ quddiem il-Awtorità tal-Ippjanar il-konsulenti semmew li z-zona fejn se jkun hemm il-*fish farms* għandha qiegħ tar-ramel imma l-effett jew l-impatt fuq dan il-ħabitat partikolari għad irid jiġi analizzat sew

(iii) Ma ġew ippreżentati l-ebda studji fuq id-danni li l-gaġeġ tat-tonn 'il barra minn Kemmuna setgħu kkawżaw matul is-snin lill-ambjent marittimu biex jiġi antiċipat l-impatt li dawn jista' jkollhom fuq iz-zona l-ġdida

(iv) Minkejja li matul is-snin tqajmu diversi lmenti mill-awtoritajiet u mill-pubbliku fuq l-impatt tal-gaġeġ tat-tonn fuq il-kwalità tal-ilma baħar, hu mifhum li ma ġew imposti l-ebda bidliet fil-prattiċi tal-akkwakultura

(v) L-ERA u l-PA ma qajmu l-ebda oġġezzjoni għall-fatt li l-iżviluppatur partikolari f'dan il-każ ma onorax permess tal-ippjanar li nħariġlu fil-passat, anzi ssanzjonawlu ammont ikbar ta' ġaġeġ tat-tonn fiz-zona l-ġdida.

Filwaqt li l-proposta li kienet saret snin ilu biex f'dawn l-istess inħawi tiġi żviluppata *wind farm* kienet ġiet skrutinizzata għall-impatt ambjentali, din id-darba la l-ERA u lanqas il-PA ma talbu li jsiru studji simili.

Finalment, mhux ċar lanqas liema kundizzjonijiet ġew imposti fuq l-iżviluppatur biex inħariġlu l-permess biex ikun żgurat li dan jieħu l-miżuri adegwati biex iħares l-ambjent tal-inħawi, u li fl-istess ħin jonora dawn l-istess kundizzjonijiet. BirdLife Malta tappella biex dawn il-kundizzjonijiet isiru pubbliċi.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**
L-istqarrija tal-Awtorità tal-Ippjanar wara li approvat l-iżvilupp:
http://www.pa.org.mt/news-details?id=1271

Ir-rapport tat-Times of Malta dwar il-permess maħruġ:
https://www.timesofmalta.com/articles/view/20170615/local/temporary-fish-farm-permit-approved.650769

**Ritratti mehmużin:**

1. Garni mill-akbar kolonja tagħhom fl-Irdum tal-Madonna jużaw l-inħawi tas-Sikka l-Bajda u l-madwar bħala *rafting zones,* fejn jinġabru qabel ma jidħlu lura fl-irdumijiet. Mhux magħruf *fish farm* hawnhekk x'impatt jista' jkollu fuq din l-ispeċi protetta.
2. L-Irdum tal-Madonna fil-Mellieħa (Ritratt ta' Aron Tanti)
3. Ritratt mill-ajru tal-irdumijiet fl-inħawi tal-Irdum tal-Madonna (Ritratt ta' BirdLife Malta)